**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**
**-vs-**
**Jean Paul Deguara, detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 123482M**

*Każ Nru.: 13/23*

Illum**, 12 ta' Novembru, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Jean Paul Deguara,** u ċioè talli:

Nhar il-06 ta' Jannar 2023 u fil-ġranet ta' qabel f'diversi ħinijiet f'dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioe' **Jacqueline Zerafa Sladden**, fastidju ghal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li kien qed ikun tali.

2. Mingħajr skuża raġonevoli, kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'Ordni taħt l-Artikolu 382A ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta maħruġa nhar 28 ta' Settembru 2022 mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL. D a favur **Jacqueline Zerafa Sladden, u Celyssia Zerafa Sladden**

3. U aktar talli kiser ordni ta' probation a tenur ta' artikoli 7 ta' Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta minn Maġistrat Dr Caroline Farrugia Frendo LL.D, datata 28 ta' Settembru 2022 u ingħata ordni ta' probation ghal zmien tlett snin minn dik id-data.

4. U aktar talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula u dan bi ksur ta' artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi **Jean Paul Deguara** sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation

Għaldaqstant a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat, qed jinstab ħati li kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline

Farrugia Frendo fit-28 ta' Settembru, 2022[1], qed tittratta miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom kien tpoġġa' taħt tali ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet.

**Il-Piena**

A. Għall-imputazzjonijiet odjerni

In konsiderazzjoni tal-piena il-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-ammissjoni tiegħu, tal-fedina penali mtappna tiegħu w taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Kien biss ir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation, fejn irrakkomanda li l-imputat jibqa' jiġi sorveljat sabiex il-progress li sar ma jkunx intilef, flimkien mal-konsiderazzjoni li mhux fl-interess tas-soċjetà li x-xogħol siewi li sar mill-istess uffiċjal mal-imputat issa jiġi skartat u mwarrab, li din il-Qorti ser tagħti l-aħħar opportunità lill-imputat biex ikompli jirriforma ruħu fis-soċjetà u mhux jiġi inkarċerat.

B. Piena għal ksur ta' ordni ta' Probation.

Huma dawn l-aħħar konsiderazzjonijiet li qed jingħataw piż meta l-Qorti ser tiddetermina l-piena li għandu jingħata Deguara għall-ksur tal-ordni ta' probation datat it-28 ta' Settembru, 2022.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 31, 49, 50, 202(h)(v)(vi), 251H, 251HA u 382A(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u ai termini tal-Artikolu 7 tal-***Att dwar il-Probation***, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil ħati li jitqiegħed taħt ordni ta' *probation* għall-perjodu ta' tlett (3) snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa għall-kundizzjoni tiegħu.

---

[1] **Dok.OZ6** a fol.132 et seq

Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Inoltre ġaladarba l-imputat qed jinstab ħati li ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation il-Qorti ser tittratta miegħu ghal dan il-ksur.

Inoltre, wara li rat l-artikoli 7, 21 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u reġgħet rat l-artikoli 579(2), 412Ċ, 251AA, 251H, 202(h)(v)(vi), 251HA, 251(1)(3), 222(1)(a), 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 5(1)(a) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, qed titratta mal-ħati dwar l-imputazzjonijiet li dwarhom instab ħati fit-28 ta' Settembru, 2022, daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati u konsegwentement qed tikkonferma is-sejbien ta' ħtija kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza u qed testendi iż-żmien tal-Ordni ta' Probation maħruġ permezz ta' dik is-sentenza għal żmien **tlett (3) snin oħra** millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv tal-Ordnijiet ta' Probation fuqu maħruġa skond din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni.

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Jacqueline Zerafa Sladden u Celyssia Zerafa Sladden ghal żmien tlett snin (3) millum.

Finalment a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**